ġenb dak kollu li hu tiegħi, iżda ma nistax ma nroddx ħajr minn qalbi lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor, — b'artikoli ta' proża mimlija, mwieżna, mexxejja, jew b'xi versi mħeġġa u sbieħ, jew b'xi ħedma oħra—riedu jfissruli dak li f'qalbhom iħossu għalija bħala ħabib, jew bħala membru mill-eqdem tal-"Għaqda", inkella bħala wieħed li ħadem b'ħiltu kollha biex isaħħaħ u jsebbaħ il-Lsien Malti, u jagħni l-letteratura tiegħu.

Jalla tissokta tikber u titwettaq din ir-rabta ta' mħabba bejnietna.

# QAWSALLA

## IL-MADONNA TA' MEJJU

## WARA ERBA' XHUR BLITZ

Erba' xhur ilhom leji u nhar jittajjru
Fuq rasna l-magni mġewnħa ta' l-egħdewwa;
Bit-twerdin ta' l-inkejja jdamdam l-ajru,
U jaħkem fuq kulħadd il-ħsieb tad-dnewwa.

Jinżlu l-bombi mill-għoli, jkissru, jtajjru
Djar, raba' u ġonna: x-xaħta kibret sewwa;
Sa l-knejjes t'Alla fejn l-erwieħ jitħajjru
Għal ġid is-Sema sfaw ħerba sa ġewwa.

In-nisa mbikkma, bit-trabi f'idejhom,
Jistaqsu lis-Smewwiet jekk hemmx xi ħniena,
B'qalbhom imriegħda u bid-dmugħ fuq għajnejhom.

Jinsama' talbhom? Hekk ikun, għax Alla
Ma jitlaqx lit-tajbin f'idejn il-ħziena....
U fi smewwietna dehret il-Qawsalla.

30/iv/42 Dun Karm

# ĦIDMITNA

*(Rapport tas-Sur Ġużè Chetcuti, Segretarju tal-"Għaqda", għas-sena 1941. Dan inqara fil-Laqgħa Ġenerali li saret Il-Mużew, il-Belt, nhar l-Erbgħa, 4 ta' Marzu, 1942).*

Sur President, Ħbieb tiegħi,

L-Ilsien Malti nafu biżżejjed minn liema baħar għadda ta' mibegħda, ta' għira, u ta' ġlied biex illum ħassel letteratura mill-isbaħ, u biex kiseb isem ta' ġieħ f'Malta u barra minn Malta. Nafu kemm kienet kbira l-ħidma ta' dawk li ħabirku, tħabtu u tqabdu għall-ġid ta' lsienna. Nafu, b'ġieħ kbir għalina, li kienu l-imseħbin tal-"Għaqda" tagħna li ħadmu l-ewwel nies biex taw lil Malta letterarja Lsien għani u mirqum kif tabilħaqq jixirqilha. Għal iżjed minn 20 sena sħaħ ħadmet l-"Għaqda" tagħna biex għaniet fil-ġmiel u l-kobor tal-poeżija u l-proża tiegħu dak l-Ilsien li tul l-ewwel żmenijiet kien mistmell minn ħafna u maħbub mill-ftit. B'xorti tajba dawk iż-żmenijiet intemmu darba għal dejjem, u l-lum nistgħu ngħidu, bla ħadd ma jħammrilna wiċċna, li Lsienna hu maħbub minn ħafna u mistmell mill-ftit Imma dawn il-ftit għadhom ifixkluna qatigħ bil-ħidma tagħhom minn taħt, ħidma ta' tnassis—għax din hi l-aħħar arma li baqgħalhom. Bit-tnassis u t-tfixkil ħajjen huma qed iqiegħdu l-bsaten fir-roti lill-Malti u lill-ħbieb tal-Malti biex ma jimxux 'il quddiem. Dawn huma l-akbar egħdewwa li baqa' jiġru magħna s'issa. Nittamaw li fi żmien qasir jintemmu u jindifnu fl istess qabar fejn indifnu dawk li qabel kienu jobogħduna u jistmelluna. F'rebħa sħiħa tal-Lsien Malti l-ġieħ tan-nazzjon maltija.

## ĦIDMA

X'kienet il-ħidma tal-"Għaqda" tul is-sena 1941? Nistqarr b'wiċċi minn quddiem ma kenitx kbira daqs kemm kieku xtaqniha. Ma' tul din is-sena—għalkemm, kif jaf kull wieħed minnkom, ma rajniex fiha ħlief tiqliet ġlieda ħarxa mill-ajru, u bombi, mewt u ħerba jitwaddbu mill-ogħla